MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2004

Appell Civili Numru. 1692/1996/1

**Domenico Savio sive Savio Spiteri**

**vs**

**Onor. Prim Ministru fil-kwalita` tieghu ta' kap tal-Gvern ta' Malta bhala l-persuna responsabbli ghad-decizjonijiet kollha mehuda mill-Istituzzjonijiet Ufficcjali ta' l-Istat Malti;**
**Id-Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja;**
**Tarcisio Grech;**
**Gourmet Company Limited.**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**
1. L-attur appella minn sentenza moghtija fis-7 ta' Mejju 1999 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet premessi li kienet tghid hekk:

"**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-attur li biha, wara li ppremetta :

li l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri ppreseduta mill-Magistrat Dottor Michael Malla, fl-atti tas-subbasta 3/1996, fl-ismijiet : **Tarcisio Grech vs Domenico Savio sive Savio Spiteri**, iddegretat nhar it-13 ta' Frar, 1996 li kellu jsir il-bejgh in subbasta ta' oggetti maqbuda in forza ta' Mandat ta' Qbid numru 15/1996 fl-ismijiet **: Tarcisio Grech vs Domenico Savio sive Savio Spiteri**; liema bejgh ghandu jsir nhar it-Tnejn 20 ta' Mejju, 1996 mid-disgha ta' filghodu sa nofs inhar, fl-edificcju tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri;

li, fl-istess Qorti kif indikata fil-paragrafu precedenti, ordnat ix-xandir ta' l-avviz relattiv fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gurnal iehor ta' kuljum li lilu jmiss it-turn, kif ukoll notifika ta' dan id-digriet, kif ukoll tad-digriet indikat fil-paragrafu precedenti u rikors relattiv lid-debituri u lir-rikorrenti;

li l-Mandat ta' Qbid indikat bin-numru 15/1996 u qieghed ukoll fl-ismijiet : **Tarcisio Grech ta' 40, Triq fuq il-Ghajn, Ghajnsielem, Ghawdex, - vs - Domenico Savio sive Savio Spiteri iben John u Josephine nee' Sultana mwieled Victoria, Ghawdex, u residenti 69 Triq l-Ghajn, Fontana, Ghawdex - Karta ta' Identita' numru 16160** (G); liema Mandat ta' Qbid jindika li gew maqbuda diversi oggetti mobbli kif jirriizulta mill-kopja tar-riferta relattiva ma dak l-istess Mandat u illi allegatament tali debitu ghadu ma giex saldat minnu, u fejn ghaldaqstant il-konvenut Tarcisio Grech talab bil-qima lill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri sabiex joghgobha tordna l-bejgh ta' l-oggetti maqbuda;

li tali Mandat ta' Qbid numru 15/96 fl-ismijiet kif fuq indikati ottenut a bazi ta' titolu ezekuttiv allegatament rizultanti minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gudikatura Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija - vs - Domenico Savio sive Savio Spiteri,** li nghatat nhar l-4 ta' April, 1995, minfejn bl-iktar mod misterjurz jidher li rrizulta li huwa gie kkundannat ihallas lill-konvenut Tarcisio Grech l-ammont ta' hames mija u sitta u disghin lira Maltija u hamsin centezmu (LM596.50); oltre l-imghax u l-ispejjez;

li mhux possibbli skond il-Kodici ta' Oganizzazzjoni u Procedura Civili ta' Malta li xi persuna tigi kanonizzata kreditur a bazi ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bhalma jidher li gara f''dan l-kaz odjern u, ghalhekk, huwa ghandu interess li tali proceduri tal-Mandat ta' Qbid numru 15/96 u l-proceduri konsegwenzjali tas-subbasta numru 3/1996 u d-digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri nhar it-13 ta' Frar, 1996, jigu ddikjarati nulli u li, fil-frattemp, il-proceduri ghas-subbasta u tal-bejgh ta' l-oggetti ndikati ghall-jum it-Tnejn, 20 ta' Mejju, 1996, kif fuq indikat jigu mmedjatament sospizi pendenti l-ezitu tal-kawza odjerna;

li dan kollu, huwa ma kellu ebda triq ohra ghajr li jirrikorri ghal din il-kawza odjerna;

**TALAB** ghalhekk li l-konvenuti jew min minnhom ighidu ghala dina l-Qorti m'ghandhiex taqta', tiddeciedi, u tordna : -

1. Illi l-Mandat ta' Qbid numru 15/96 fl-ismijiet **: Tarcisio Grech - vs - Domenico Savio sive Savio Spiteri** hareg abbuzivament u kontra l-ligi u ghaldaqstant huwa null, billi l-ottjeniment tieghu sar a bazi ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li ma jista' jkollha ebda esekuttivita' procedurali biex tikkostitwixxi lil xi persuna kreditur fir-rigward ta' persuna ohra;

2. li l-atti tas-subbasta numru 3/1996, iddegretati mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri nhar it-13 ta'

Frar, 1996, huma wkoll nulli billi dawn inghataw billi d-digriet tal-Qorti a bazi tal-Mandat ta’ Qbid numru 15/96 li fih innifsu huwa null ghal ragunijiet li jirrizultaw mill-mori ta’ din l-kawza;

3. li, f'kull kaz u minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg talbiet hawn fuq suesposti, s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta’ Ghawdex ikkonfermat li l-konvenut Tarcisio Grech kien impjegat tas-Socjeta' konvenuta Gourmet Company Limited, u li kwindi fl-ebda cirkostanza ma seta' proprjeta' mobiljari ta’ l-attur odjern tigi maqbuda kif effettivament, abbuzivament u kontra l-ligi sar;

4. li l-proceduri tal-bejgh skond kif degretat mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, u kif hawn indikati, ghandhom jigu dikjarati nulli minhabba illi l-ghejjun taghhom kien ukoll null skond il-ligi ta’ Malta;

5. li l-konvenuti jew min minnhom ghandhom jigu dikjarati responsabblli f'dawn ic-cirkustanzi ghal kwalsijasi forma ta’ danni sofferti minnu a bazi tal-premessi kif fuq indikati;

6. li dina l-Qorti ghandha taghti kwalsijasi provvediment opportun li jidhrilha xieraq li tordna fid-dawl tat-talbiet attrici kif hawn indikati;

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti jew min minhom li minn issa jibqghu lkoll ingunti in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u n-nota tax-xiehda tal-attur;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja li biha eccepixxa :

1. Salvi u mpregjudikati l-eccezzjonijijiet kollha lil jistghu jinghataw dwar il-kompetenza ta’ din l-Qorti u dwar irritwalita' tac-citazzjoni, l-ebda menzjoni ma hemm fic-citazzjoni dwar xi ghemil allegatament irregolari ta’ membri tal-Qrati fid-dependenzi ta’ l-eccipjent, u l-ebda

wahda mit-talbiet ma hija dirretta kontra tieghu jew tista' tigi sodisfatta minnu jew minn membri ta’ l-istaff tieghu;

2. L-eccipjenti esegwixxa biss ordnijiet tal-Qorti kif hu dmir tieghu, u mhux kompitu tieghu li jikkontrolla jekk dak li ordnat il-Qorti hux validu jew null, ghaliex hu ma jistax jelegi ruhu ghal gudikant;

3. Ghalhekk id-domandi in kwantu diretti kontra l-eccipjent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u n-nota tax-xiehda tal-konvenut Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Onorevoli Prim Ministru u Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja li biha eccepew :

Illi, preliminarjament, ic-citazzjoni ta’ l-attur fil-konfront ta’ l-eccipjenti hija irritwali u nulla stante li ma gietx preceduta minn ittra ufficjali jew protest gudizzjaju a tenur ta’ l-artikolu 460 tal-Kap. 12;

Illi, subordinatament, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti, kemm l-Onorevoli Prim Ministru kif ukoll id-Direttur Generali tal-Qrati mhumiex legittimi kontraditturi fir-rigward ta’ l-azzjoni ta’ l-attur billi huma m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-hrug tal-mandat de quo. Jidher li l-kwistjoni tikkoncerna biss litigju bejn persuni privati u m'hemmx l-icken konnessjoni ta’ din il-vertenza privata ma xi att amministrattiv jew esekuttiv tal-Gvern; li ghalhekk l-eccipjenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju, inoltre hija gratuwita daqs kemm hi insostennibbli fil-fatt u fid-dritt il-pretenzjoni ta’ l-attur li l-eccipjenti Onorevoli Prim Ministru huwa responsabbli ghad-"decizzjonijiet kollha mehuda mil-Istituzzjonijiet Ufficjali ta’ l-Istat Malti" billi tali asserzjoni tirrifletti nuqqas serju ta’ apprezzament u konoxxenza tad-distinzjoni fondamentali bejn it-tlett poteri ta’ l-istat;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u n-nota tax-xiehda tal-konvenuti Onorevoli Prim Ministru u Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Tarcisio Grech li biha eccepixxa :

1. Illi, qabel xejn, hemm in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti sabiex tittratta din il-kawza; din il-kawza tirrigwarda nullita' sostnuta mill-attur ta' mandat u procedimenti ohra sussegwenti inkluz talba ghall-bejgh bis-subbasta mehuda mill-esponenti fil-konfront ta' l-attur quddiem il-Qorti tal-Magistrati ta' Ghawdex; ghalhekk tispetta lil dik il-Qorti l-kompetenza sabiex tiddetermina jekk tali proceduri sarux korrettement jew le;

2. Illi, fil-meritu u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti jecepixxu li l-proceduri minnu istitwiti huma korretti u konformi mal-Ligi;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u n-nota tax-xiehda tal-konvenut Tarcisio Grech;

Rat li s-socjeta' konvenuta, ghalkemm kien deher ghaliha Dr. Malcolm Pace u ta ruhu b'notifikat bic-citazzjoni, baqghet ma pprezentatx nota tal-eccezzjonijiet u, ghalhekk, hija kontumaci;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Ikkunsidrat :

Li l-konvenuti l-Onorevoli Prim Ministru u d-Direttur Generali tal-Qorti tal-Gustizzja eccepew **preliminarjament** li l-azzjoni ta' l-attur hija rritwali u nulla fil-konfront taghhom billi ma gietx preceduta minn ittra ufficjali jew protest gudizzjarju a tenur ta' l-**Artikolu 460 tal-Kap. 12** tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-udjenza tad-9 ta Dicembru, 1998, id-difensur ta’ l-attur iddikjara li ma kienx hemm protest gudizzjarju jew ittra ufficjali ghall-finijiet tal-precitat artikolu tal-ligi u l-Qorti ddifferiet il-kawza ghas-sentenza dwar din l-eccezzjoni tan-nullita'.

Il-lokuzzjoni ta’ l-**Artikolu 460 tal-Kap. 12** hija cara bizzejjed. Jinghad f'din id-disposizzjoni tal-ligi li **"ebda att gudizzjarju li bih jinbdew xi procedimenti ma jista' jigi pprezentat, u ebda procedimenti ma jistghu jittiehdu jew jinbdew, u ebda mandat ma jista' jigi mitlub, kontra l-Gvern, jew kontra xi awtorita' mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, barra mill-Kummissjoni Elettorali, jew kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalita' ufficjali taghha, hlief wara li jghaddu ghaxart tijiem min-notifika kontra l-Gvern jew dik l-awtorita' jew persuna kif intqal qabel, ta’ ittra ufficjali jew ta’ protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tigi mfissra b'mod car……"**

Dak li jsegwi, huwa ecezzjonijiet ghad-dettami ta’ din id-disposizzjoni li huma tassattivament indikati fis-subartikolu (2) ta’ l-istess artikolu li m'humiex qeghdin jigu riprodotti hawnhekk ghaliex hadd ma jallega li l-kaz 'de quo' jaqa' biex ikun ikkunsidrat taht xi wahda minnhom.

Fil-kaz "de quo", ghalhekk, jirrizulta li r-Registratur tal-Qorti kellu l-obbligu li ma jippermettix li tigi **pprezentata** c-citazzjoni ta’ l-attur ghaliex dan naqas milli josserva d-dispositiv esplicitu tal-ligi, kif ammetta huwa stess meta ddikjara li ma kien intavola l-ebda protest jew ittra ufficjali kontra l-konvenuti li ssollevaw l-eccezzjoni (ara sentenza Kum. Salvatore Bezzina et vs. Direttur tal-Portijiet, dec. 7.01.87).

Ghandu jinghad ukoll illi din l-eccezzjoni, li hija sollevabbli "ex-ufficio", ghandha twassal ghan-nullita' assoluta ta’ l-azzjoni anki fil-konfront tal-konvenuti l-ohra. Dan, fil-fehma tal-Qorti, jemergi car mil-lokuzzjoni tal-precitat artikolu tal-ligi li tghid li "ebda att gudizzjarju li bih jinbdew xi procedimenti **ma jista' jigi pprezentat…." Difatti, m'hix haga koncepibbli** ghax tkun kontrasens li r-

Registratur tal-Qorti jista' jippermetti l-prezentata tac-citazzjoni fil-konfront ta’ wiehed mill-kontendenti li ma jkunx il-Gvern jew ufficjal pubbliku u **ma jippermettihiex in kwantu hija diretta kontra l-istess Gvern jew ufficjal pubbliku** (ara fl-istess sens sentenza P.A. Avukat Dottor Louis Vella et vs Ronald Grech et., dec. 22.06.92).

Ghal dawn il-motivi :

Taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li **tilqa' l-imsemmija eccezzjoni,** tiddikjara l-att tac-citazzjoni bhala wiehed **irritu** u **null** ghal kull fini u effett tal-ligi u tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-attur. Il-Qorti tordna komunika b'kopja ta’ din is-sentenza lir-Registratur tal-Qorti sabiex fil-futur thares l-osservanza tal-ligi”.

## L-APPELL TA’ L-ATTUR

2. L-attur appella minn din is-sentenza u talab (ara r-rikors ta’ l-appell tieghu datat 27 ta’ Mejju 1999, a fol. 59 – 65 tal-process) li din il-Qorti ta’ l-Appell:
“.... joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-7 ta’ Mejju 1999, u minflok, tilqa’ t-talbiet ta’ l-attur appellant bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti appellati”.

## CESSJONI PARZJALI TA’ L-APPELL TA’ L-ATTUR

3. In segwitu tat-trattazzjoni ta’ dan l-appell, permezz ta’ nota pprezentata fis-seduta tat-13 ta’ Ottubru 2003, l-attur appellant iddikjara hekk:
“Li biha jcedi l-appell fil-konfront ta’ l-Onor Prim Ministru fil-kwalita` tieghu ta’ Kap tal-Gvern ta’ Malta bhala l-persuna responsabbli ghad-decizjonijiet kollha mehuda mill-istituzzjonijiet ufficcjali ta’ l-istat Malti; u kif ukoll fil-konfront tad-Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja biss filwaqt li jzomm l-appell ferm fil-konfront ta’ Tarcisio Grech u Gourmet Company Limited”.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI

4. In vista ta' din ic-cessjoni parzjali ta' l-appell da parti ta' l-attur, din il-Qorti giet rinfaccjata bi stat ta' fatt fejn minn banda 'l wahda, hemm l-attur li qieghed jitlob ir-revoka tas-sentenza appellata fil-konfront ta' xi whud biss mill-konvenuti; filwaqt li fl-istess procedura ceda l-appell in kwantu dirett kontra ko-konvenuti ohrajn.

5. Fi kliem iehor, l-appellant qieghed jippretendi li fl-istess waqt li huwa baqa' sokkombenti ghal decizjoni li fiha gie ritenut kjarament (fis-sentenza appellata, jigifieri) li "l-att tac-citazzjoni bhala wiehed irritu u null ghal kull fini u effett tal-ligi", li din il-Qorti tirrevoka (u mhux tirriforma) l-imsemmija decizjoni fil-konfront biss taz-zewg konvenuti appellati l-ohra. Issa li kieku, ghall-grazzja ta' l-argument, u dan fi stadju opportun tal-procedura, l-attur ghazel minflok li jcedi l-atti kollha tal-kawza di fronte l-konvenuti msemmijin fin-nota ta' cessjoni tieghu surreferita, allura dan forsi seta' jissana procedura zbaljata, kif originarjament inizjata mill-attur, imma bl-ahhar mossa tieghu l-attur gie li qieghed jadixxi lil din il-Qorti biex tirrevoka sentenza li fil-konfront ta' xi whud mill-konvenuti ghaddiet in gudikat in vista tac-cessjoni surreferita. Li kieku l-attur addotta l-ewwel mod ta' azzjoni u qabad u ceda l-atti tal-kawza fil-konfront ta' l-Onorevoli Prim Ministru u d-Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja, tali cessjoni kienet tfisser u timplika li l-kawza tieghu hija diretta biss kontra l-appellati Tarcisio Grech u Gourmet Company Limited. Bhala konsegwenza ulterjuri allura kien ifisser ukoll, ta' lanqas possibilment (billi dan il-punt ma giex debitament dibattut jew deciz), li l-att tac-citazzjoni gie intavolat biss kontra persuni li ma jaqghux taht id-definizzjoni kif hemm stipulat fl-Artikolu 460 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Evidentement jirrizulta li l-attur ipprefera li jiehu triq ohra, kif fuq jinghad.

6. Minn ezami ta' l-Artikolu 460 tal-Kap. 12 johrog bic-car li l-legislatur ried jimponi tassattivament l-obbligu li ebda att gudizzjarju, fosthom wiehed bhac-citazzjoni ta' l-attur, ma jista' jigi pprezentat hlief wara li jghaddu ghaxart ijiem min-notifika kontra l-Gvern jew dik l-awtorita` jew persuna kif hemm imsemmi fil-ligi stess, ta' ittra ufficcjali jew ta' protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tigi mfissra b'mod

car. *Ex admissis* – hekk ara verbal datat 9 ta' Dicembru 1998, a fol. 48 tal-process, paragrafu tlieta – l-attur jistqarr li huwa ma kkonformax ruhu ma' dan l-obbligu. Il-ligi taghna ma tikkoncedix derogi ghal dan l-obbligu procedurali u ghalhekk mhux lecitu la ghall-Qorti, u wisq anqas ghal xi wahda mill-partijiet fil-kawza, li att gudizzjarju jigi spezzettat f'diversi kompartimenti u fejn f'kompartiment jigi accettat li l-att ta' procediment kien wiehed irritu u null u fl-iehor tintalab dikjarazzjoni bl-oppost. Tali agir jammonta ghal spropozitu legali u jekk l-attur m'gharafx jikkonduci sew, u skond il-ligi, il-procedura gudizzjarja li huwa ta bidu ghaliha, m'ghandux jippretendi li din il-Qorti tkun kompartecipi fl-izbalji li huwa induca ruhu fihom.

7. Minn ezami tal-provi mbaghad jirrizulta li fil-mument li l-attur ipprezenta c-citazzjoni in ezami – bi ksur allura ta' l-Artikolu 460 tal-Kap. 12 – haga bhal din ma setax jaghmilha, bil-konsegwenza li dak kollu li avvera ruhu in segwitu kien irritu u null, u bhala tali ma seta' jipproduci ebda effett. Din il-Qorti kwindi hija tal-fehma li dak li gie deciz mill-Qorti ta' l-ewwel grad kien gust u korrett u li, konsegwentement, l-appell ta' l-attur huwa infondat kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-appell in kwantu dirett kontra l-Onorevoli Prim Ministru u d-Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja stante cessjoni, u wara li tikkonferma in toto s-sentenza appellata kif moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Mejju 1999, tichad l-appell ta' l-attur bl-spejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------